29 ta' Novembru, 1949

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Karmenu Spiteri et. *versus* Katerina Spiteri et.

**Riduzzjoni ta' Liberalitajiet Magħmula Favur il-Konjuġi u t-Tfal tat-Tieni Żwieġ.**

*Min ikollu tfal mill-ewwel żwieġ ma jistax iħalli lit-tieni konjuġi jew lit-tfal tat-tieni żwieġ aktar minn dak li jkun ser jikkonsegwixxi l-inqas favorit fost it-tfal ta' l-ewwel żwieġ.*

*Meta jiġi vjolat dan il-preċett tal-liġi, hemm lok għar-riduzzjoni tal-liberalitajiet li jkunu saru favur it-tieni konjuġi jew it-tfal tat-tieni żwieġ, b'mod li dawn jiġu li jieħdu daqs l-inqas favorit fost it-tfal ta' l-ewwel żwieġ.*

*Il-"plus relictum", jiġifieri dak li jibqa' meta ssir din ir-riduzzjoni, jinqasam bejn it-tfal kollha u anki bejn it-tieni konjuġi; fis-sens*

*illi mill-"plus relictum", mill-eċċess imħolli mill-konjuġi "binubo" lill-konjuġi superstiti, u lil dana meħud, għandhom jipprofittaw it-tfal kollha u anki l-konjuġi superstiti.*

*Għaliex il-liġi, meta tordna r-riduzzjoni, trid biss li t-tieni konjuġi ma jkollux aktar minn dak li jmiss lit-tifel li jieħu l-anqas, u mhux li t-tieni konjuġi jieħu anqas.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni fejn l-atturi, wara li ppremettew illi fit-30 ta' Lulju 1944 miet l-imsemmi Salvatore Spiteri, armel minn Carmela mwielda Ghigo u mbagħad żewġ il-konvenuta Caterina Spiteri, li magħha żżewweġ fit-28 ta' Awissu 1937; illi mill-ewwel żwieġ tiegħu l-istess Salvatore Spiteri kellu b'uliedu lill-atturi; illi l-imsemmija l-ewwel mara ta' dan Salvatore Spiteri, omm l-atturi, mietet bla testment fit-8 ta' Awissu 1931, u kwindi l-werrieta tagħha skond il-liġi huma l-istess atturi; illi ma saret l-ebda likwidazzjoni ta' l-assi ereditarju ta' l-imsemmija Carmela mwielda Ghigo, omm l-atturi, imma l-assi tagħha, kompriż sehemha mill-akkwisti, baqa' f'idejn l-imsemmi Salvatore Spiteri; illi dana Salvatore Spiteri, b'testment tiegħu tas-6 ta' Awissu 1943 fl-atti tan-Nutar Dottor Rosario Frendo Randon, fost dispożizzjonijiet oħra, ħalla lit-tieni mara tiegħu, jiġifieri lill-konvenuta Caterina Spiteri, u lin-neputijiet tagħha, il-konvenuti Giorgio u Giuseppe aħwa Azzopardi, l-inkwilinat tat-tenuta "ta' l-Ingieret" fil-limiti ta' Ħal Luqa, u ħalla lill-atturi wliedu mill-ewwel żwieġ il-leġittima biss, u istitwixxa u nnomina eredi universali tiegħu lill-imsemmijin konvenuti Giorgio u Giuseppe aħwa Azzopardi; illi bl-imsemmijin dispożizzjonijiet testamentarji tiegħu Salvatore Spiteri kkontravvjena għall-liġi, partikolarment għal dak li jingħad fl-art. 611 tal-Kodiċi Ċivili, billi ppreferixxa lill-konvenuta aktar mill-anqas favorit fost l-atturi wliedu mill-ewwel żwieġ, u dana għaliex l-imsemmijin aħwa Azzopardi huma persuni interposti għall-konvenuta Caterina Spiteri, nammithom, fis-sens ta' l-art. 650 tal-Kodiċi ċitat, u l-imsemmijin dispożizzjonijiet magħmulin f'isimhom huma realment intiżi biex jiggratifikaw lill-konvenuta Caterina Spiteri b'elużjoni ta' dak li jiddisponi l-imsemmi art. 641 tal-Kodiċi ċitat; illi wara l-mewt ta' l-imsemmi Salvatore Spiteri l-konvenuti mpossessaw ruħhom minn dak kollu li huwa kien jippossjedi; illi huma jridu dak

kollu li jmisshom mill-wirtijiet ta' ommhom u ta' missierhom;

Talbu:— (1) li jiġi fissat u likwidat l-assi soċjali konjugali ġà eżistenti bejn Salvatore u Carmela mwielda Ghigo, miżżewġin Spiteri, ġenituri tagħhom; (2) li nofs dana l-assi jiġi assenjat lill-assi ta' Salvatore Spiteri u n-nofs l-ieħor lill-assi ta' Carmela Spiteri; (3) li jiġi firmat u likwidat l-assi partikulari ta' Carmela Spiteri; (4) li dana l-assi ta' Carmela Spiteri jiġi maqsum f'għaxar porzjonijiet ugwali li jiġu assenjati waħda lil kull wieħed mill-atturi bħala werrieta leġittimi tagħha; (5) li jiġi firmat u likwidat l-assi soċjali konjugali ġà eżistenti bejn Salvatore Spiteri u l-konvenuta Caterina Spiteri, ittieni mara tiegħu; (6) li nofs dana l-assi jiġi assenjat lill-konvenuta Caterina Spiteri u n-nofs l-ieħor lill-assi ta' Salvatore Spiteri; (7) li jiġi firmat u likwidat l-assi partikulari ta' Salvatore Spiteri; (8) li d-dispożizzjonijiet testamentarji fuq indikati, magħmula mill-istess Salvatore Spiteri favur il-konvenuti, jiġu ridotti għall-limiti permessi mill-liġi, prevja, jekk hemm bżonn, id-dikjarazzjoni li l-konvenuti Giorgio u Giuseppe aħwa Azzopardi huma persuni interposti għall-konvenuta Caterina Spiteri, omnithom; (9) li tiġi likwidata l-leġittima spettanti lil kull wieħed u waħda mill-atturi mill-assi ereditarju ta' Salvatore Spiteri, missierhom, u dina l-leġittima tiġi assenjata u diviża bejniethom skond il-liġi; (10) li tiġi assenjata lill-konvenuta Caterina Spiteri, porzjoni ekwivalenti għal dak illi skond id-dispożizzjonijiet tat-testment ta' l-istess Salvatore Spiteri, tiġi konsegwita mill-ampas favorit fost l-atturi wliedu; (11) li dak kollu li jibqa' mill-assi ta' Salvatore Spiteri jiġi assenjat f'porzjonijiet ugwali lill-atturi bħala werrieta leġittimi tiegħu; (12) li jiġi nominat, jekk hemm bżonn, perit............ nutar............ u kuratur............ Bl-ispejjeż;

*Omissis.*

Ikkunsidrat:

Mir-relazzjoni tal-perit jirriżulta illi l-provi miġjubin...... huma skarsi ħafna, u ma hemmx materjal suffiċjenti biex issir vera u proprja likwidazzjoni;

*Omissis.*

Likwidati l-assijiet fuq indikati, u stabbilit illi l-konvenuti aħwa Azzopardi huma adegwatament rikompensati għasservizzi li rrendew fit-tenuta "ta' l-Imgieret" fuq imsemmija

bil-legat, flimkien ma' nannithom, ta' l-inkwilinat ta' l-istess tenuta, għandha ssir, skond id-domanda u skond l-imsemmija sentenza, id-diviżjoni ta' l-assijiet fuq indikati kif sejjer jingħad :—.......... (4) Għandu jiġi diviż l-assi partikulari ta' Salvatore Spiteri, billi tiġi assenjata lil kull wieħed u waħda mill-atturi l-leġittima, lill-konvenuta Caterina Spiteri tiġi assenjata porzjoni ekwivalenti għal dik li jikkonsegwixxi l-anqas favorit mill-atturi, u l-"plus relictum" jiġi assenjat f'porzjonijiet ugwali lill-atturi u lill-istess Caterina Spiteri;

Anki l-konvenuta Caterina Spiteri jmissha sehem ugwali mill-"plus relictum", ii-għaliex, kif gà ġie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza tal-31 ta' Jannar 1898, fil-kawża "Micallef vs. Borg" (Kollez. Vol. P. II, paġ. 190), mill-eċċess imħolli mill-"binubo" lill-konjuġi, u lil dina meħud, għandhom japprofittaw it-tfal kollha u anki l-istess konjuġi superstiti;

Fuq din il-kwistjoni hekk irraġunat din il-Qorti fl-imsemmija sentenza :— "Che nè il Codice De Rohan nè la legge del 1864, nè la legge vigente, dispongono intorno alla ripartizione dell'eccesso del lascito fatto dal binubo all'ultimo coniuge. Ma l'opinione oggi più seguita dalla dottrina e dalla giurisprudenza, come più conforme al testo ed allo spirito delle leggi che, come la nostra, mantengono tuttora l'incapacità parziale del nuovo coniuge alla successione del binubo che ha figli da più matrimoni, è che l'eccedente del lascito debba profittare a tutti quanti i figli ed allo stesso coniuge superstite.. ......... Così pure ritenne la Cassazione di Torino il 5 gennaio 1877, in causa "Morosini contro Maridati" (Raccolta, Vol. XXIX, Parte I, Col. 227)". Dan huwa ġust ħafna, għaliex altrimenti t-tifel li jieħu l-parti minuri jkollu aktar mit-tieni konjuġi; u dan ma għandux ikun, għaliex il-liġi, meta tordna r-riduzzjoni, trid biss li t-tieni konjuġi ma jkollux aktar minn dak li jmiss lit-tifel li jieħu l-anqas, u mhux li t-tieni konjuġi jieħu anqas;

*Omissis.*

Riferibilment għall-assi partikulari ta' Salvatore Spiteri, l-ewwelnett għandha tiġi assenjata lil kull wieħed u waħda mill-atturi l-leġittima. Billi huma aktar minn erbgħa, għandhom imisshom bejn ilkoll in-nofs tal-valur nett ta' l-assi li ġie likwidat fl-ammont ta' £485, u għalhekk in-nofs tiegħu huwa

ta' £242. 10. 0. Billi huma għaxra, jiġi illi lil kull wieħed jew waħda minnhom imiss b'kemm jiswa £24. 5. 0;

Kif ġà ġie deċiż bl-imsemmija sentenza tas-27 ta' Marzu 1917, l-istituzzjoni tal-werrieta universali magħmula minn Salvatore Spiteri fil-persuna taż-żewġ kontendenti aħwa Azzopardi kienet verament intiża biex tibbenefika lill-konvenuta l-oħra nannithom, u għalhekk għandha tkun priva minn kull effett ġuridiku. Inoltri, kif irrileva l-perit, oltre l-inkapaċità ta' l-aħwa Azzopardi bħala persuni interposti għall-konvenuta Caterina Spiteri, hemm l-inkapaċità relativa għal din l-istess konvenuta bħala t-tieni mara tat-testatur derivanti mid-dispożizzjoni ta' l-art. 641 tal-Kodiċi Ċivili, li ma tistax ikollha iżjed minn dak li jkun sejjer jieħu l-anqas favorit fost it-tfal taż-żwieġ ta' qabel—inkapaċità diġà fuq aċċennata. Għaldaqstant, salv li jingħad aktar il-quddiem, Caterina Spiteri ma tistax tikkonsegwixxi aktar milli jiswa £24. 5. 0—il-valur tal-leġittima ta' kull wieħed jew waħda mill-atturi;

*Omissis.*

Għadaqstant l-assi partikulari ta' Salvatore Spiteri, barra d-dritt ta' l-inkwilinat tat-tenuta fuq imsemmija, għandu jiġi diviż billi minnu kull wieħed jew kull waħda mill-atturi jikkonsegwixxu ........: billi l-konvenuta Caterina Spiteri tieħu l-kwota............:

*Omissis.*

Għal dawn il-motivi;

Tiddikjara illi ma tistax issir il-likwidazzjoni ta' l-assi soċjali konjugali ġà eżistenti bejn Salvatore Spiteri u l-ewwel mara tiegħu Carmela nata Ghigo, u lanqas ma tista' ssir il-likwidazzjoni ta' l-assi partikulari ta' dina Carmela Ghigo; u dana minħabba n-nuqqas ta' provi ċirka s-sustanzi komponenti l-istess assijiet; u kwindi lanqas ma tista' ssir id-diviżjoni ta' l-istess żewġ assijiet;

Tiddikjara illi l-assi soċjali konjugali ġà eżistenti bejn l-istess Salvatore Spiteri ........;

*Omissis.*

Tilqa', konformement għal dak li ntqal fil-motivazzjoni tas-sentenza, it-talba imsemmija, relativa għar-riduzzjoni għall-limiti permessi mil-liġi tad-dispożizzjonijiet magħmula mill-istess Salvatore Spiteri favur il-konvenuti; u dana billi tiddi-

kjara li l-konvenuti aħwa Azzopardi huma persuni interposti għall-konvenuta Carmela Spiteri nannithom, u konsegwentement id-dispożizzjonijiet favur dawn il-konvenuti għandhom jiġu ritenuti magħmula favur l-imsemmija konvenuta Caterina Spiteri;

*Omissis.*

Tinnomina lin-nutar...........;

L-ispejjeż relativi għat-tielet u għar-raba' talba jitħallsu mill-atturi f'sehem indaqs bejniethom; l-ispejjeż relativi għall-ewwel, tieni, ħames u sitt domanda jitħallsu nofs mill-atturi u nofs mill-konvenuta; l-ispejjeż l-oħrajn kollha jitħallsu mill-atturi u mill-konvenuta Caterina Spiteri in proporzjon ta' dak li kull wieħed jew waħda minnhom jikkonsegwixxi mill-assi ta' Salvatore Spiteri; fi kliem ieħor, f'sehem indaqs bejniethom.